TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 247/10-F

**Christopher u Mary konjugi Cassar**

**Vs**

**Platinum International (Malta) Ltd *proprio u* bħala aġenti tas-soċjeta' estera Citycorp Properties Ltd**

Illum 28ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti prezz ta' kuntratt li minħabba diversi nuqqasijiet qed jitlob illi jiġi kkanċellat.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti daħal f'kuntratt mas-soċjeta' estera Citycorp Properties Ltd sabiex ikun jista' jibbenefika mill-bookings tal-vaganzi bi prezzijiet imraħħsa u wara li ħallas elf u ħames mitt ewro (€1,500) li huwa l-prezz ta' dan l-*agreement* beda jinduna li dak li ġie mwiegħed minnu ma kienx qed javvera ruħu minħabba illi meta daħal fis-sites reklamati mid-ditta ntimata ma kienx hemm dawk l-iskonti li kienu ġew imwiegħdin u bħala fatt esebixxa diversi dokumenti biex juri dan.

L-intimat issotometta li kienu jafu għalxiex kienu qed jiffirmaw u biex jiġi kkanċellat dan il-kuntratt trid issir kawża quddiem il-Qrati Ċivili.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li mill-provi prodotti dak li ġie miftiehem u mwiegħed fil-kuntratt speċjalment roħs fuq hotels jekk inti tkun abbonat ma' din il-kumpanija ikolli r-roħs, li fil-fatt mill-provi jirriżulta li ma kienx hemm xi roħs kif imwiegħed.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata Platinum International (Malta) Ltd bħala aġenti tas-soċjeta' estera Citycorp Properties Ltd, tħallas l-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), b'dan illi l-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**